

32001R2180

L 293/5

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

10.11.2001

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2180/2001
tad-9 ta' Novembru 2001
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura tal-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2031/2000⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli wkoll japplikaw għal xi nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddivizzjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn disposizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bl-intenzjoni li jiġu applikati t-tariffa u miżuri oħra li jirrigwardaw il-kummerċ ta' l-oġġetti;
- (3) Skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża ma' dan ir-Regolament iridu jiġu kklassifikati skond il-kodiċijiet tan-NM indikati fil-kolonna 2, skond ir-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;
- (4) Huwa xieraq li informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda u li mhumiex konformi mad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jistgħu jkomplu jintalbu, skond

id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴⁾, għal perjodu ta' tlett xhur mid-detentur;

- (5) Il-miżuri li hemm provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża huma kklassifikati ġewwa n-Nomenklatura Magħquda skond il-kodiċijiet tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

L-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li mhix konformi mad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament tista' tkompli tintalab skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tlett xhur.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Novembru 2001.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 279, tat-23.10.2001, p. 1.


⁽³⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 17.

ANNEX

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kodiċi tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Prodott ta' tapit tad-drapp f'forma ta' kaxxa (65 % polyester u 35 % qoton), ta' qies ta' madwar 70 x 70cm li huwa mgħammar minn fibri tal-polyester.</p> <p>Żewġ lasti flessibbli tal-plastik, mgħammra b'foam tal-plastik u mgħottija bid-drapp, huma provduti mat-tapit. Għandhom tul ta' madwar 1,5cm kull waħda u jistgħu jitwawhlu mat-trufijiet tat-tapit.</p> <p>L-aċċessorji li ġejjin huma provduti biex jitwawhlu mal-lasti tal-plastik:</p> <ul style="list-style-type: none"> — mera magħmula mid-drapp u l-plastik, — ċekċieka magħmula mill-plastik, — fjura magħmula mid-drapp li fiha apparat elettroniku li jipproduċi biċċa mużika meta jingħafas. <p>Il-prodott huwa maħsub għat-tfal sa l-età ta' 10 xhur.</p> <p>Ara l-istampa A (*)</p>	9503 90 37	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 1(t) tat-Taqsim XI u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 9503, 9503 90 u 9503 90 37</p> <p>Minħabba l-użu maħsub tiegħu u l-provvista tiegħu tal-ġugarelli, il-prodott huwa kkunsidrat bħala ġugarell tad-drapp.</p>
<p>Prodott f'forma ta' tapit tad-drapp, li huma mgħammar b'foam tal-plastik. It-tapit huwa magħmul minn erba' biċċiet, li jistgħu jitwawhlu b'modi differenti jinqafu bil-Velcro.</p> <p>Tlett biċċiet tat-tapit għandhom it-twieqi, li huma pprovduti bl-aċċessorji li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — mera magħmula mill-plastik, — ballun magħmul mid-drapp, li fih ċekċieka, — stilla magħmula mid-drapp, li tipproduċi ħoss ta' għafis, — borża tal-plastik li għandha timtela bl-ilma, li fiha ħut magħmula mill-plastik, — stampi ta' l-annimali. Barra minn hekk din il-biċċa hija provduta b'figuri ta' sura tonda magħmula mid-drapp u fiha apparat elettroniku, li jipproduċi l-ħoss ta' l-annimal rilevanti. <p>Biċċa waħda tikkonsisti minn tapit tad-drapp b'aċċessorji forma ta' disinni ġeometriċi.</p> <p>Dawn l-aċċessorji jitwawhlu bil-Velcro jew lazzijiet tad-drapp mal-biċċiet tat-tapit.</p> <p>Il-prodott huwa maħsub għat-tfal sa l-età ta' 18-il xahar.</p> <p>Ara l-istampa B (*)</p>	9503 90 37	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 1(t) tat-Taqsim XI u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 9503, 9503 90 u 9503 90 37</p> <p>Minħabba l-użu maħsub tiegħu u l-provvista tiegħu tal-ġugarelli, il-prodott huwa kkunsidrat bħala ġugarell tad-drapp.</p>

(*) Ir-ritratti huma purament għall-informazzjoni.



A



B